# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 72**

**Citaz. Nru. 1708/99GV**

**Frans u Rita konjugi Gauci**

**vs**

**Emmanuel sive Noel u Rita konjugi Baldacchino**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-attur Frans Gauci ezegwixxa fuq inkarigu tal-konvenuti xoghol ta' kostruzzjoni ta' fond *semi-detached* gewwa Triq ix-Xehda San Pawl tat-Targa, limiti tan-Naxxar.

Premess illi l-konvenuti hallsu xi ammont akkont tal-kumpens dovut ghall-imsemmi xoghol izda minkejja li gew interpellati sabiex ihallsu l-bilanc dovut minnhom, huma baqghu inadempjenti.

L-atturi talbu lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri ta' l-atturi wara li l-attur Frans Gauci ezegwixxa, fuq inkarigu ta' l-istess konvenuti, xoghol ta' kostruzzjoni ta' fond *semi-detached* gewwa Triq ix-Xehda San Pawl tat-Targa, limiti tan-Naxxar;

2. Tillikwida l-ammont dovut lill-atturi mill-konvenuti, rapprezentanti bilanc u imghaxijiet dovuti;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 3242/99 u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 8 tal-process fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament l-eccipjenti m'ghandhom ebda relazzjoni guridika mal-attrici Rita Gauci;

2. Illi l-attur ghandu jaghti prova li fiz-zmien li kien qieghed jaghmel ix-xogholijiet ta' kostruzzjoni kellu l-licenzja rikjesta mil-ligi sabiex jezercita' s-sengha ta' bennej (Kap. 10 tal-Ligijiet ta' Malta). Fin-nuqqas m'ghandux dritt li jitlob hlas minhabba kawza illecita;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u f'kull kaz, huwa minnu li l-eccipjenti diga' ghamlu diversi pagamenti lill-attur fil-kors tax-xoghol li minn naha tieghu ghandu dritt li jitlob hlas skond ir-rati stabbiliti mill-ligi u mhux in eccess (Kap. 288 tal-Ligijiet ta' Malta). Ghalhekk f'kull kaz ghandu jitkejjel ix-xoghol li sar mill-attur u l-hlas isir skond it-tariffi stabbiliti mill-Ligi. Kull hlas in eccess m'huwiex dovut stante li dawn ir-regolamenti huma ta' ordni pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Semghet ix-xhieda tal-atturi;

Semghet l-avukat tal-atturi

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Rat in-nota ta’ cessjoni tas-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza;

In vista tan-nuqqas ta’ kontestazzjoni tal-konvenuti tilqa’ t-talba tal-atturi ghall-ispejjez.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**